**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 23 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 371/00**

**Joseph Colombo**

**Vs**

**Emanuel Borg**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija sitta u hamsin lira Maltin (Lm756) bilanc minn somma akbar, rappresentanti self *brevi manu* koncess lilu mill-attur u mhux restitwit.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' Lulju 1999, dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju Nru. 2118/99/AS, u bl-imghax legali mill-24 ta' Settembru 1999, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-avviz huwa intempestiv ghax qatt ma saru konteggi bejn il-kontendenti sabiex jigi determinat l-ammont li jista' jkun dovut;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju l-ammont hekk kif rikjest fl-avviz huwa esagerat u mhux dovut, peress li l-konvenut irrenda servizzi u xogholijiet lill-attur li, bi ftehim bejn il-partijiet kellhom jigu pacuti mal-avvanz ta' flus li sar mill-attur a favur tal-konvenut.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet id-deposizzjonijiet tax-xhieda;

Rat ukoll il-verbal tal-lum permezz ta’ liema l-partijiet ftehmu li jitransigu l-kawza u l-konvenut intrabat illi jhallas lill-attur ghas-saldu tal-pretensjonijiet reciproci ta’ bejniethom, is-somma ta’ sitt mitt lira (Lm600), liema somma l-attur accetta u l-partijiet qablu wkoll illi din il-kawza tigi deciza u l-ispejjez jithallsu bin-nofs.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ sitt mitt lira (Lm600) u qieghda tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma ta’ sitt mitt lira (Lm600) lill-attur ghar-ragunijiet indikati fl-avviz u ghas-saldu tal-pretensjonijiet reciproci ta’ bejn il-kontendenti.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg